MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 94/8

L-Erbgha 14 ta` Gunju 2023

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
George Fenech – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Marija Micallef – Vici Sindku
Audrey Amri Brincat – Kunsilliera

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

094.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

094.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

094.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

094.4 Approvazzjoni tar-Risposta tal-Kunsill għall-Management Letter 2022;

094.5 Approvazzjoni tal-SPI/SCI/03/2023: Espressjoni ta` Interess: The World CleanUp Campaign 2023;

094.6 Jum il-Gudja 2023 u attivitajiet oħra;

094.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

094.8 Rapporti;

094.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Ġnien Raymond Caruana – progress
c. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
d. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress
e. Proġett tal-Pjazza – progress
f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress

094.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;

094.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Marija Sara Vella Gafa ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-hamsa u kwart ta` filghaxija (5:15pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 094.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiIji

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kien hemm żewġ ittri ta` apoloġija tal-Viċi Sindku M Micallef u Kunsilliera A Amri Brincat fejn talbu sabiex jiġu skużati mill-laqgħa minħabba raġunijiet personali. Dawn it-talbiet ġew milqugha minn dawk prezenti.

**094.2** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 93/08 nem con.

**094.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

094.3.1 Prezentat ir-rapport tal-contracts` manager ghax-xahar ta` Mejju 2023. Ingibdet l-attenzjoni dwar il-bzonn ta` knis fi Vjal It-Torri u Triq Bir Miftuh naha tal-ghelieqi. Is-Sindku wkoll gibdet l-attenzjoni dwar it-truck tal-scammel li qed ikun hemm granet li qed jigi kmieni. Kien hemm talba mill-kuntrattur sabiex il-boroz jinhargu qabel is-7:00am. Il-Kunsill qabel li jibghat karta lir-residenti biex l-iskart jinhareg qabel is-7:00am fil-gurnata tal-gabra.

094.3.2 Is-Sindku ghamlet referenza ghas-servizz tal-open skips fejn proponiet li servizz jinghata fuq tlett Sibtijiet bhal ma kien jinghata mill-bidu net. Is-Sindku ziedet tghid li s-servizz qed jinghata sa` 9am. Is-Sindku talbet sabiex jigiebu l-kwotazzjonijiet minghand kuntratturi ohra ghal dan is-servizz mis-7am sal- 11am. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

094.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien ibenifika minn fondi mir-Regjun Nofsinhar sabiex isiru xoghlijiet ta` manutenzjoni fil-latrini pubblici ta` Gnien Raymond Caruana.

094.3.4 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill inghata somma ta` 18,000Eur ghall attivitajiet tal-Milied li ser isiru bejn it-2 u 3 ta` Dicembru 2023.

094.3.5 Prezentata korrispondenza dwar il-Laqgha Plenarja li ser isir nhar is-17 ta` Gunju 2023.

094.3.6 Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill jinstalla l-magna tal-AED vicin il-Gnien R.Caruana ghal fatt li fil-prezent din il-magna qeghda fl-ufficini tal-Kunsill u ghalhekk m`hiex mihuqa minn kullhadd u mhux f`kull hin tal-gurnata. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

094.3.7 Prezentata korrispondenza mibughta mill-librara ghal talba biex jizdiedu xi hinijiet matul il-gurnata tal-Erbgha. Din it-talba ma gietx approvata.

094.3.8 Prezentata korrispondenza li ntbghatet minghand il-kumitat tal-Ismijiet ta` Toroq dwar talba biex jinghata isem gdid ghal Triq J.Gravina li taghmel mall-Gudja. Il-Kunsillier G Fenech propona li tigi msemmieha ghas-Sur Joseph Sacco li kien fil-kariga ta` Segretarju mall-MFA u kif ukoll kien involut fil-Gudja United FC. Dawk prezenti qabblu ma` dan il-proponiment.

094.3.9 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li CCTV fi Triq il-Kbira kienet twahhlet u li qed topera mill-LESA sabiex jigi kkontrollat l-abbuz li wiehed jidhol one way minn din it-triq. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex it-tabella li tindika li hemm cctv tigi mdawwra fid-direzzjoni li l-vetturi jisghtu jarawha ahjar.

094.3.10 Giet prezentata Cir AKL 2023/053 – Clean Up mibughta mill-Ministeru tal-Ambjent sabiex nuru l-interess taghna ghal din l-inizjattiva.

094.3.11 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-kumpanija Green Pak dwar installazzjonijiet ta` cctv vicin il-bring in sites li ghandna fil-lokalita. Is-Sindku proponiet sabiex isir ftehim sabiex l-ewwel sentejn spejjez tac-cctv tal-Housing Estate ikunu gratis u ninghataw l-ispejjez lura tas-sistemi ta` cctv`s li saru diga fi Triq il-Palazz u Triq Bir Miftuh. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

094.3.12 Is-Sindku prezentat l-invoice tal-Arcipriet tal-kuncert tal-Milied, fejn din tammonta ghal 600euro u mhux 350euro. Is-Sindku ziedet tghid li kien hemm adizzjoni kbira mis-snin ta` qabel minghajr mall-Kunsill gie nfurmat b`din iz-zieda. Il-Kunsillier S Caruana qal li l-ispejjez ghollew hafna u zied jghid li l-kor ma jithallasx tas-servizz li jaghti f`dan il-kuncert. Il-Kunsill approva li jsir il-hlas ta` 600euro.

094.3.13 Prezentata korrispondenza dwar l-attivita li ser tigi organizzata mill-Kunsill flimkien mar-Regjun Nofsinhar bhala parti mill-attivitajiet li qed jitellghu matul din is-sena kulturali. Il-Kunsill qabel li d-data ta-attivita tkun it-12 ta` Novembru 2023.

094.3.14 Prezentata korrispondenza dwar transport b`xejn ghal kull lokalita ghal attivitajiet ser isiru matul is-sena ta` Regjun Kulturali.

094.3.15 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar xi xoghlijiet pendenti li kien hemm xi jsiru fi Triq Santa Katerina u t-toroq l-ohra tal-progett. Is-Sindku ziedet tghid li l-kuntrattur qed jitlob xi hlas addizzjonali ta` xi xoghlijiet li saru u regghu nqalghu ghax ma sarux ta` sodisfazzjon ghar-residenti. Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill sar jaf b`dawn issa u anke qatt ma kienu nkluzi fl-statement u ghalhekk proponiet li dan il-hlas m`ghandhux isir. Is-Sindku ziedet tghid li l-ahhar kont pendent jithallas meta jsiru xoghlijiet li ghad fadal xi jsiru u li jkunu sodisfacenti ghall-Kunsill.

**094.4 Approvazzjoni tar-Risposta tal-Kunsill għall-Management Letter 2022;**

Giet prezentata r-Risposta tal-Kunsill ghall-Management Letter 2022, fejn din giet approvata unanimament.

**094.5 Approvazzjoni tal-SPI/SCI/03/2023: Espressjoni ta` Interess: The World CleanUp Campaign 2023;**

Is-Sindku prezentat mozzjoni sabiex il-Kunsill japplika ghall-Espressjoni ta` Interess: The World Clean Up Campaign 2023 peress li din l-applikazzjoni taghlaq fil-15 ta` Gunju 2023. Il-Kunsillier S Caruana ssekonda din il-mozzjoni u giet approvata unanimament.

**094.6 Jum il-Gudja 2023 u Attivitajiet oħra;**

Giet prezentata l-kwotazzjoni tal-band Kantera fejn il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni ta` saghtejn matul l-attivita ta` Jum il-Gudja 2023. Is-Sindku tat xi dettalji ta` kif ser tigi organizzata l-attivita ta` Jum il-Gudja 2023, fejn ser ssir quddiesa gewwa l-Knisja tal-Annunazjata wara jkun hemm il-mass band u tqeghid tal-kuruni fuq iz-zuntier u l-mass band tibqa` mixja sa` fejn il-palk fi Triq San Mark. L-attivita ser tilhaq il-qofol taghha fuq il-palk fi Triq San Mark, fejn ser jinghata Gieh il-Gudja u xi rikonoxximenti ohra. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**094.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

094.7.1 Il-Kunsillier G Fenech ghamel referenza ghall-crash barriers li saru fi Triq Hal Resqun li qed ikunu ta` nkonvenjent ghas-sewwieqa minhabba l-gholi taghhom.

**094.8 Rapporti;**

Ma kienx hemm.

**094.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

- **a. Triq iż-Żebbuġa – progress**
- **b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
- **c. Ġnien Raymond Caruana – progress**
- **d. Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh – progress**
- **e. Proġett tal-Pjazza – progress**
- **f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress**

**094.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 50/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier S Caruana ssekondata mill-Kunsillier G Fenech għall-ammont totali ta' €23,718.93 u ġiet approvata nem con.

**094.11** Tmiem tal-Laqgha

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u kwart ta` filghaxija (8:15pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar il-Gimgha 7 ta` Lulju 2023 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ______________________

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv